MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2009

Citazzjoni Numru. 1098/2008

**Metalco Limited (C 9037)**

**vs**

**All Sports International Limited (C 34643)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' rikorrenti datat 31 ta' Ottubru 2008 fejn gie premess:

1. Illi s-socjeta' attrici bieghet merkanzija lis-socjeta' konvenuta konsistenti f' *'rubber granules'* f' diversi okkazjonijiet, liema merkanzija giet debitament konsenjata u accettata da parti tal-istess socjeta' konvenuta;
2. Illi s-socjeta' konvenuta illum hi debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici ta' sebgha u sebghin elf disa' mija u disghin euro u sebgha u sittin centezmu (€77,990.67) liema ammont jinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud u jirrapprezenta bilanc minn somma akbar li kienet dovuta mis-socjeta'

intimata, u dan hekk kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat ‘Dok A’;

3. Illi dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta’ fatt u sa fejn jaf l-esponenti, is-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti f’din il-kawza;

4. Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li sarulha sabiex thallas, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti tablet l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

1. Tghaddi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjeta’ rikorrenti b’dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta’ l-artikolu 167 *et seq* tal-Kap.12 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2. Tiddikjara lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ €77,990.67 rapprezentanti bilanc minn ammont akbar ta’ prezz ta’ merkanzija;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru u tal-Mandat ta’ Qbid ipprezentati kontestwalment mar-Rikors Guramentat Nri 1437/2008 u 1438/2008 rispettivament, u bl-imghax legali kontra s-socjeta’ konvenuta li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta’ intimata debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Rat il-verbal tal-14 ta’ Jannar 2009 fejn Raymond Fenech ghas-socjeta’ attrici bil-gurament tieghu jikkonferma li l-ammont ghadu dovut.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza, skond il-procedura tal-

Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti** kif dedotta fir-rikors guramentat billi:

2. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' sebgha u sebghin elf, disa' mija u disghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€77,990.67).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbidipprezentati kontestwalment mar-Rikors Guramentat Nri 1437/2008 u 1438/2008 rispettivament, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------